31996D0653

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Novembru 1996

li tawtorizza lill-Istati Membri biex temporanjament jippermettu l-*marketing* ta' materjal riproduttiv tal-foresti li ma jissodisfax il-ħtiġijiet tad-Direttivi tal-Kunsill 66/404/KEE u 71/161/KEE

(96/653/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/404/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-*marketing* ta' materjal riproduttiv tal-foresti [1], kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarment l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 71/161/KEE tat-30 ta' Marzu 1971 dwar *standards* għal kwalità esterna tal-materjal riproduttiv tal-foresti li jkun *marketed* fi ħdan il-Komunità [2], kif l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u partikolarment l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talbiet ippreżentati minn ċerti Stati Membri,

Billi l-produzzjoni ta' materjal riproduttiv tal-ispeċi elenkati fl-Annesi huma preżentament insuffiċjenti fl-Istati Membri kollha, bir-riżultat li l-ħtiġijiet tagħhom għal materjali riproduttivi li huma konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 66/404/KEE u 71/161/KEE ma jistgħux ikunu milħuqa;

Billi pajjiżi terzi ma humiex f'pożizzjoni li jfornu materjal riproduttiv suffiċjenti tal-ispeċi relevanti li jistgħu joffru l-istess garanziji bħall-materjal riproduttiv tal-Komunità u li jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi msemmija hawn fuq;

Billi l-Istati Membri għandhom għalhekk ikunu awtorizzati biex jippermettu, għal perijodu limitat, il-*marketing* ta' materjal riproduttiv tal-ispeċi relevanti li jissodifa ħtiġijiet anqas strinġenti biex ikopru l-iskarsezza tal-materjal riproduttiv li jissodisfa l-ħtiġijiet tad-Direttiva 66/404/KEE jew 71/161/KEE;

Billi, għal raġunijiet ġenetiċi, il-materjal riproduttiv għandu jkun miġbur minn postijiet ta' oriġini fil-medda naturali tal-ispeċi relevanti u l-garanziji l-aktar stretti possibli għandhom jingħataw sabiex jassiguraw l-identità tal-materjal;

Billi, aktar minn hekk, il-materjal riproduttiv għandu jkun *marketed* biss jekk ikun akkumpanjat b'dokument li jkun fih ċerti dettalji tal-materjal riproduttiv f'dak il-każ;

Billi kull wieħed tal-Istati Membri għandu aktar minn hekk ikun awtorizzat li jippermetti l-*marketing* fit-territorju tiegħu taż-żrieragħ u l-pjanti li jissodisfaw ħtiġijiet anqas strinġenti fir-rigward tal-provenjenza, kif stabbilita fid-Direttiva 66/404/KEE, taż-żerriegħa li tissodisfa ħtiġijiet anqas strinġenti fir-rigward tal-purità tal-ispeċe kif stabbilita fid-Direttiva 71/161/KEE, jekk il-*marketing* ta' materjal bħal dak ikun ġie awtorizzat fl-Istati Membri l-oħrajn permezz ta' din id-Direttiva;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal tal-Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Oltikoltura u l-Foresterija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Istati Membri huma awtorizzati li jippermettu l-*marketing* fit-territorju tagħhom ta' żrieragħ li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet fir-rigward tal-provenjenza kif jidhru fid-Direttiva 66/404/KEE dwar it-termini stabbiliti fl-Anness I t'hawnhekk u bil-kondizzjoni li l-prova speċifikata fl-Artikolu 2 tkun fornuta f'dak li jirrigwardja l-post tal-provenjenza taż-żerriegħa u l-altitudini li fiha kienet ġiet miġbura.

2. L-Istati Membri huma awtorizzati li jippermettu l-*marketing* fit-territorju tagħhom ta' pjanti prodotti fil-Komunità miż-żerriegħa msemmija hawn fuq.

[1] ĠU No 125, tal-11.7.1966, p. 2326/66.
[2] ĠU L 87, tas-17.4.1971, p. 14.

Artikolu 2

1. Il-prova li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 1(1) u 4 għandha tkun meqjusa bħala li tkun ġiet fornuta meta l-materjal riproduttiv ikun tal-kategorija 'materjal riproduttiv minn sorsi identifikati' kif definit fl-iskema tal-Organizzazzjonijiet għall-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilipp (OECD/OKEI) għall-kontroll taċ-ċaqlieq fil-kummerċ internazzjonali tal-materjal riproduttiv tal-foresti, jew ta' xi kategorija oħra definita f'dik l-iskema.

2. Meta l-iskema OECD imsemmija fil-paragrafu 1 ma tkunx użata fil-lokalità tal-provenjenza tal-materjal riproduttiv, xhieda oħra uffiċjali għandha tkun ammessibbli.

3. Meta xhieda uffiċjali ma tistgħax tkun ipprovvduta, l-Istati Membri jistgħu jaċċettaw xiehda oħra li ma tkunx uffiċjali.

Artikolu 3

L-Istati Membri huma awtorizzati skond it-termini stabbiliti fl-Anness II t'hawnhekk, li jippermettu l-*marketing* fit-territorju tagħhom ta' żerriegħa li ma tissodisfax il-ħtiġijiet li jirrigwardjaw il-purità speċifika fl-Anness I tad-Direttiva 71/161/KEE, basta iżda li d-dokument meħtieġ permezz ta' l-artikolu 9 tad-Direttiva 66/404/KEE ikun fih il-kliem:

"Żerriegħa li ma tissodisfax is-*standards* fir-rigward tal-purità speċifika".

Artikolu 4

L-Istati Membri huma awtorizzati skond it-termini stabbiliti fl-Anness III t'hawnhekk, li jippermettu l-*marketing* fit-territorju tagħhom ta' materjal riproduttiv li la jisodisfa l-ħtiġijiet fir-rigward tal-provenjenza tad-Direttiva 66/404/KEE u l-anqas il-ħtiġijiet fir-rigward tal-purità speċifika fl-Anness I tad-Direttiva 71/161/KEE, bil-kondizzjoni li:

— il-prova speċifikata fl-Artikolu 2 tkun fornuta f'dak li jirigwardja l-post tal-provenjenza taż-żerriegħa u l-altiduni li fiha tkun ġiet miġbura, u

— id-dokument meħtieġ permezz tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 66/404/KEE ikun fih il-kliem:

"Żerriegħa li ma tissodisfax is-*standards* fir-rigward tal-purità speċifika".

Artikolu 5

L-Istati Membri apparti milli l-Istati Membri applikanti huma wkoll awtorizzati li jippermettu, fuq it-termini stabbiliti fl-Annessi I, II u III rispettivament u għall-iskopijiet intiżi mill-Istati Membri applikanti, li jwettqu l-*marketing* fit-territorju tagħhom taż-żrieragħ u l-pjanti awtorizzati li jkunu marketed permezz ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 6

L-awtorizzazzjonijiet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikoli 1(1), 3 u 4 u sa kemm dawn jikkonċernaw l-ewwel tqegħid ta' materjal riproduttiv tal-foresti fis-suq tal-Komunità, għandhom jiskadu fit-30 ta' Novembru 1997. Dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom, sa kemm huma jikkonċernaw it-tqegħid susegwenti fis-suq tal-Komunità, jeskadu fil-31 ta' Diċembru 1998.

Artikolu 7

F'dak li jirrigwardja l-ewwel tqegħid fis-suq ta' materjal riproduttiv tal-foresti, kif riferit fl-Artikolu 6, l-Istati Membi għandhom immedjetament jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bil-kwantitajiet ta' materjal bħal dak li jissodisfa ħtiġijiet anqas strinġenti minn dawk li kienu ġew approvati għall-*marketing* fit-territorju tagħhom permezz ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-11 ta' Novembru 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

INDIĊI

1. *L-Istati Membri*

A	=	Ir-Repubblika ta' l-Awstrija
B	=	Ir-Renju tal-Belġju
D	=	Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja
DK	=	Ir-Renju tad-Danimarka
E	=	Ir-Renju ta' Spanja
EL	=	Ir-Repubblika Ellenika
F	=	Ir-Repubblika Franċiża
I	=	Ir-Repubblika Taljana
IRL	=	L-Irlanda
L	=	Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu
NL	=	Ir-Renju ta' l-Olanda
P	=	Ir-Repubblika Portugiża
UK	=	Ir-Renju Unit

2. *L-Istati jew ir-reġjuni tal-provenjenza*

BG	=	Il-Bulgarija
Ca.	=	Il-Karpantini
CDN	=	Il-Kanada
CH	=	L-Isvizzera
CZ	=	Ir-Repubblika Ċeka
EC	=	Il-Komunità Ewropea
HR	=	Il-Kroazja
HU	=	L-Ungerija
LV	=	Il-Latvja
NO	=	In-Norveġja
PL	=	Il-Polonja
RO	=	Ir-Rumanija
SI	=	L-Islovenja
SK	=	Ir-Repubblika Slovakka
Sudètes	=	Is-Sudeteni
TR	=	It-Turkija
USA	=	L-Istati Uniti ta' l-Amerika
Vallée de la Save	=	Il-Wied tas-Sava

3. *Abrevjazzjonijiet oħrajn*

max. alt.	=	l-altitudni massima
OEP	=	jew provenjenza ekwivalenti

ANEXO I — BILAG I — ANHANG I — ΠΑΡΑΡΤΗΝΑ I — ANNEX I — ANNEXE I — ALLEGATO I — BIJLAGE I — ANEXO I — LIITE I — BILAGA I

Estado miembro Medlemsstat Mitgliedstaat Κράτος μέλος Member State État membre Stato membro Lid-Staat Estado-membro Jäsenmaa Medlemsstat	Fagus sylvatica L.		Larix decidua Mill.		Picea abies Karst.	
	kg	Procedencia Oprindelse Herkunft Προέλευση Provenance Provenance Provenienza Herkomst Proveniência Alue Härkomst	kg	Procedencia Oprindelse Herkunft Προέλευση Provenance Provenance Provenienza Herkomst Proveniência Alue Härkomst	kg	Procedencia Oprindelse Herkunft Προέλευση Provenance Provenance Provenienza Herkomst Proveniência Alue Härkomst
A	1 400	SI, HU, CZ, RO, HR	220	CZ, PL, HU SI, HR	5	PL (Istebna)
B	1 500	PL, RO (max. alt. 900 m)	40	PL (max. alt. 900 m) CZ (Sudètes)	40	Pl (Ca.), RO (max. alt. 900 m), SK (max. alt. 900 m) CZ (max. alt. 900 m)
D	—	—	50	EC (D/OEP), CZ	50	EC (D/OEP), CZ, SK, RO, PL, HU
DK	20 000	CH (Atlisberg, Sihwald) CZ, SK (Kakasovze) RO (Máramaros)	—	—	—	—
E	900	EC (E/OEP)	35	EC (E/OEP), SK	190	EC (E/OEP)
EL	—	—	—	—	—	—
F	—	—	165	EC (F, Seedorchard), PL (Żoni VI 7 u VII 8), CZ (Sudètes)	20	PL (żoni II 1, II 3, u VIII 5
I	2 000	EC (I/OEP)	—	—	—	—
IRL	750	EC (IRL/OEP), HU, SI, RO, CZ, SK	—	—	500	CZ, PL
L	500	EC (L/OEP)	—	—	—	—
NL	10 000	RO, CZ, SK	50	CZ, SK	50	CZ
P	8	EC (P/OEP)	2	EC (P/OEP)	2	EC (P/OEP)
UK	5 000	EC (UK/OEP), HU, SI, RO	200	EC (UK/OEP), PL, CZ (Szudéták)	500	EC (UK/OEP), RO, PL, CZ, SK

Estado miembro Medlemsstat Mitgliedstaat Κράτος μέλος Member State État membre Stato membro Lid-Staat Estado-membro Jäsenmaa Medlemsstat	Pinus nigra Arn.		Pinus silvestris L.		Quercus borealis Michx.	
	kg	Procedencia Oprindelse Herkunft Προέλευση Provenance Provenance Provenienza Herkomst Proveniência Alue Härkomst	kg	Procedencia Oprindelse Herkunft Προέλευση Provenance Provenance Provenienza Herkomst Proveniência Alue Härkomst	kg	Procedencia Oprindelse Herkunft Προέλευση Provenance Provenance Provenienza Herkomst Proveniência Alue Härkomst
A	520	SI, HU, HR	110	HU, SI, PL, CZ	3 800	SI, HU, PL, RO, CZ, SK, HR
B	—	—	—	—	5 000	HR (vallée de la Save) PL, SK, CZ, SI (vallée de la Save)
D	100	EC (D/OEP), SI	50	EC (D/OEP), PL	—	—
DK	150	SI, TR	140	LV, NO (Vestlandet)	5 000	PL

Estado miembro Medlemsstat Mitgliedstaat Κράτος μέλος Member State État membre Stato membro Lid-Staat Estado-membro Jäsenmaa Medlemsstat	Pinus nigra Arn.		Pinus silvestris L.		Quercus borealis Michx.	
	kg	Procedencia Oprindelse Herkunft Προέλευση Provenance Provenance Provenienza Herkomst Proveniência Alue Härkomst	kg	Procedencia Oprindelse Herkunft Προέλευση Provenance Provenance Provenienza Herkomst Proveniência Alue Härkomst	kg	Procedencia Oprindelse Herkunft Προέλευση Provenance Provenance Provenienza Herkomst Proveniência Alue Härkomst
E	1 550	EC (E/OEP)	1 775	EC (E/OEP),	10 995	EC (E/OEP), USA
EL	—	—	—	—	—	—
F	35	BG (Kuskandil)	35	PL (żoni II 1 u II 2)	—	—
I	—	—	—	—	—	—
IRL	—	—	—	—	300	HU, SI, HR, SK, USA
L	—	—	—	—	—	—
NL	60	HR, SI	—	—	10 000	RO, PL
P	60	EC (P/OEP)	20	EC (P/OEP)	18 000	EC (P/OEP)
UK	—	—	300	EC (UK/OEP),	750	EC (UK/OEP), CDN, USA

Estado miembro Medlemsstat Mitgliedstaat Κράτος μέλος Member State État membre Stato membro Lid-Staat Estado-membro Jäsenmaa Medlemsstat	Quercus pedunculata Ehrh.		Quercus sessiliflora Sal.		Larix Leptolepis Grod	
	kg	Procedencia Oprindelse Herkunft Προέλευση Provenance Provenance Provenienza Herkomst Proveniência Alue Härkomst	kg	Procedencia Oprindelse Herkunft Προέλευση Provenance Provenance Provenienza Herkomst Proveniência Alue Härkomst	kg	Procedencia Oprindelse Herkunft Προέλευση Provenance Provenance Provenienza Herkomst Proveniência Alue Härkomst
A	9 500	SI, HU, PL, RO, CZ, SK, HR	5 500	SI, HU, PL, RO, CZ, SK, HR	—	—
B	—	PL, SK, CZ, HR (vallée de la Save), SI (vallée de la Save)	3 000	PL, CZ, SK, HR (vallée de la Save), SI (vallée de la Save)	—	—
D	—	—	—	—	—	—
DK	12 000	NO, PL	98 500	NO (Żona FO, Agder), PL	—	—
E	11 605	EC (E/OEP)	7 450	EC (E/OEP)	—	—
EL	—	—	—	—	—	—
F	—	—	—	—	—	—
I	3 000	EC (I/OEP)	3 000	EC(I/OEP)	—	—
IRL	11 000	EC (IRL/OEP), PL, HU, SI, CZ, SK	4 500	IRL/OEP), NO, PL, SI, CZ, HU	—	—
L	400	EC (L/OEP)	250	EC(L/OEP)	—	—
NL	50 000	RO, PL	25 000	PL, RO	—	—
P	10 000	EC (P/OEP)	—	—	—	—
UK	25 000	EC (UK/OEP), PL, HU, CZ, SK, SI	25 000	EC (UK/OEP), PL, HU, CZ, SK, SI, NO	—	—

ANEXO II — BILAG IIANHANG II — ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ II — ANNEX II — ANNEXE II — ALLEGATO II — BIJLAGE II — ANEXO II — LIITE II — BILAGA II

Especies Arter Arten Είδη Species Espèces Specie Soorten Espécies Lajit Arter	Estado miembro Medlemsstat Mitgliedstaat Κράτος μέλος Member State État membre Stato membro Lid-Staat Estado-membro Jäsenmaa Medlemsstat	kg
Quercus pedunculata Ehrh.	A	3 000
	D	30 000
Quercus sessiliflora Sal.	A	2 000
	D	60 000

ANEXO III — BILAG III — ANHANG III — ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ III — ANNEX III — ANNEXE III — ALLEGATO III — BIJLAGE III — ANEXO III — LIITE III — BILAGA III

Especies Arter Arten Είδη Species Espèces Specie Soorten Espécies Lajit Arter	Estado miembro Medlemsstat Mitgliedstaat Κράτος μέλος Member State État membre Stato membro Lid-Staat Estado-membro Jäsenmaa Medlemsstat	kg
Quercus pedunculata Ehrh.	UK	5 000
Quercus sessiliflora Sal.	UK	5 000